# Jum il-Mejtin

*Doqqu n-noti mnikkta, qniepen sbejħin!*
*Li bihom f'jum il-Mejtin,*
*Sejjaħtulna fuq l-oqbra għall-orazzjoni.*
*Doqqu! u bid-dmugħ imlew għajnejja;*
*Id-dmugħ li jinżel ma' ħaddejja*
*'Il qalbi jfarraġ!*

*    *    *

Kemm tgħiduli ħwejjeġ sbieħ, qniepen tar-raħal tiegħi, fittimwiġ tagħkom li l-arja ma' tul il-jum, u fis-skiet tal-lejl twassal f'kamarti!

Filgħodu kmieni, meta fis-sema l-kwiekeb ikunu għadhom magħna, ħabbartuli l-jum li kien ġej, hu wkoll inċert għalija bħal dawk kollha ta' qablu; forsi l-aħħar mill-jiem ta' għomri.

Tajtuni l-aħbar, biex inqum u nitlob 'l Alla, Missier ta' kulħadd, li jagħtini jum tajjeb, li ma jdaħħalnix fit-tiġrib u li jħarisni minn kull hemm.

Ħabbartuli jum ieħor ta' xogħol, li bil-għajnuna ta' Alla u bir-rieda tajba tagħna, irodd il-ħobż li hu l-ewwel riżq, fid-djar kollha għall-fqar u l-għonja.

*    *    *

Ma' nżul ix-xemx tfakkruni li beda riesaq il-lejl bid-dlamijiet tiegħu, li kien jimla' tfuliti bil-biża' tal-waħx li l-moħħ ċkejken isawwar ikreh. Il-lum, fi xjuħiti, jimla' qalbi bil-biża' talmewt li tista' tiġi u ma ssibnix fil-paċi m'Alla u mal-bniedem.

Obdejt is-sejħa tagħkom, qniepen tal-Knisja tagħna kull filgħaxija; u qabel imteddejt tlabt lill-Missierna tas-Smewwiet iħarisni f'dak il-lejl li kien ġej fuqi.

*    *    *

B'leħen miksur għad-dmugħ—bħal ta' l-iltiema fl-orfanatrofji, meta għarkobbtejhom fl-orazzjoni jitolbu għal dawk li jaħsbu fil-ħobż tagħhom—sejjaħtuli fuq l-oqbra. Jiena mort inżur l-art li laqgħet lil missieri u 'l ommi, u l-ġemgħa ta' ħbiebi, u li issa qiegħda tistenna lili biex fis-skiet tagħha tagħtini l-mistrieħ mir-rwiefen tal-ħajja.

Jiena ġejt inżurkom, ja oqbra, għax il-qniepen sejħuli, bittieba ta' omm li twissi lil binha li ma jitbegħedx minnkom:

għax ħdejkom tikbes l-imħabba għal dawk li fid-dmugħ ġibuina xi faraġ; u titnissel il-maħfra għal dawk li kienu ingrati magħna; li raddewlna l-ġid b'deni, meta aħna fil-hemm li għadda mingħalihom ħaddanna dirgħajna ma' spallejhom, u qsamna magħhom il-ħobż li Alla tana.

* * *

Keilimtuni bħala omm li tfakkar lil binha li hemm xi ħaġa li ma jista' għaliha ħadd, riesqa lejna ma' kull nifs: riesqa dejjem, kull jum eħfef, riżoluta, bla ħniena, bla ħlewwa fuq fommha, bla dmugħ f'għajnejha: il-Mewt, li ma hemm xejn x'jeħlisna minnha: l-inevitabbli!

Halli tiġi! Il-lum li ġarrabt l-irwiefen tal-ħajja, mhix għalija ingrata daqskemm ħsibtha fi tfuliti; meta minn missieri għamlet ħerba fir-rebbiegħa ta' żgħożitu, u lili ħalliet iltim ċkej ken ma' tlieta oħra iżgħar minni.

*Jiena naf biha u qiegħed nistennieha;*
*Għax intom, ja qniepen, ma' 'tul il-jiem kollha ta' għomri,*
*Wissejtuni li taf issibni, kull fejn u kull xħin tridni.*
*Jiena ma għadnix nistmerr dirgħajha,*
*Bħal id li sejra toħnoqni,*
*Imma lejha nħares bħala id ħanina,*
*Li bħal tajjar ħafifa,*
*Tinżel fuq għajnejja;*
*Biex għal dejjem tagħlaqhomli għad-dmugħ*
*Li l-mewġ qalil tal-ħajja ġebilna miegħu.*

* * *

Meta bħal dawk kollha li ma huma għeżież għal ħadd; li ma hemm xejn x'ifakkarna fihom, ħajti tkun għaddiet bħal sħab li jitgħajjeb wara l-muntanji jew fuq l-ibħra, u l-art ħanina tiġborni fi ħdanha, intom, Qniepen tar-raħal tiegħi—b'leħen miksur bħal tar-romol u l-iltiema fl-orazzjoni—iddoqqu għalija wkoll f'jum il-Mejtin, meta ssejħulna fuq l-oqbra għalbiex nitolbu għal missirijietna u għal dawk kollha li bħali ma għandhom lil ħadd min jitlob għalihom.

* * *

Helu għalija, ja qniepen, il-krib tagħkom fil-jiem ta' Novembru, bħall-aħbar ta' faraġ fi swied il-qalb ta' l-eżilju li ħabib twajjeb iwasslilna minn taħt l-ilsien qabel ma jħallina.

*Doqqu! qniepen sbejħin tar-raħal tiegħi*
*Il-marċ funebri tagħkom.*
*Doqqu! u mlew bid-dmugħ 'l għajnejja;*
*Id-dmugħ li 'l ħaddejja jxarrab,*
*Lil qalbi jfarraġ.*

GIUS. BORG PANTALLERESCO.

---

## REBEKKA

Lil ħabibi ALBERT ZAMMIT MAEMPEL

*Qed tisimgħu 'l-qniepen jitniehdu?*
*Qed tisimgħu il qalbi titbekka?...*
*Il-lum mietet it-tfajla ta' mħabbti,*
*Is-sabiħa u t-twajba Rebekka.*

*Kienet qisha jum ħaj tar-Rebbiegħa,*
*X'ħin fis-sema titbissem ix-xemx;*
*Dlielha jixbah ir-raġġi mdiehba,*
*B'deh'b li bħalu fid-dinja ma hemmx.*

*Homor kienu ħaddejha torija,*
*Jixbhu ferm lewn il-warda Maltija;*
*Kbar u żoroq il-ħbub ta' għajnejha*
*Bħal kewkbiet ta' l-iljieli sajfija.*

*...'M'issa mietet għalija r-Rebbiegħa,*
*Ix-xemx għabet minn wiċċ is-smewwiet.*
*Dbielet issa il-warda Maltija,*
*Waqgħu kollha mis-sema l-kewkbiet.*

LINO FARRUGIA BONNICI
(Student, Kors tal-Mediċina).